MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 965/2001/1

**Julia Bonett Al Walidi**

**vs**

**Fathi Al Walidi u b' digriet tas-6 ta' Frar 2003 gew mahtura bhala Kuraturi Deputati Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Victor Bugeja biex jirraprezentaw lill-istess konvenut assenti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta' Mejju 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-ewwel ta' Awissu tal-1998;

Illi minn dan iz-zwieg ma’ twieldux tfal;

Illi l-imsemmi Fathi Al Walidi rrenda ruhu hati fil-konfront ta’ martu l-attrici ta’ eccessi, mohqrija, theddid, sevizzi w ingurji gravi u ghalhekk il-konvivenza bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli;

Illi l-konvenut ghandu obbligu li jmantni lill-martu;

Illi minhabba r-ragunijiet premessi, l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b’ din il-kawza permezz ta’ digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili numru 1479/2000 liema digriet gie renovat permezz ta’ digriet iehor li jgib in-numri 542/01;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbili unikament lill-istess konvenut *inter alia ai termini* tal-**artikolu 40 tal-Kap. 16**;

2. Tikkundannah ihallas retta alimentarja lill-attrici liema retta alimentarja ghandha tigi stabbilita’ minn din il-Qorti b’ dawk il-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti u dan skond il-htiega tal-istess attrici w il-mezzi tal-konvenut, jew jekk jidher xieraq li din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed ghall-attrici u dan kollu bl-applikazzjoni tal-**artikolu 54 tal-Kap. 16** li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa skond ic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz;

3. Minhabba c-crikostanzi partikolari tal-kaz tezercita d-diskrezjoni moghtija lilha *ai termini* tal-**artikolu 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

4. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali tal-attrici u li jistghu jinsabu fil-pussess tieghu,

u fin-nuqqas jigi kundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand;

5. Minghajr pregudizzju ghat-talba numru 3 u suggett ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dwar l-istess, tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha u tassenjha, bin-nomina jekk ikun mehtieg ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u jekk ikun mehtieg nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex izzomm kull jhedd jew vantagg li hija setghet kisbet minghand il-konvenut *ai termini* tal-**artikolu 53 tal-Kap. 16**;

7. Tiddikjara u tiddeciedi li l-fond bin-numri 170 Triq Carlo Manche, il-Gzira huwa proprjeta parafernali tal-attrici kif ukoll li minkejja li din id-dar kienet id-dar matrimonjali ta' bejn il-kontendenti tawtorizza lill-istess attrici sabiex tkun tista' tirrisjedi fl-imsemmi fond ad eskluzjoni ta' zewgha konvenut kif ukoll tordna li d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 16** ma japplikawx fil-konfront tal-attrici u dan in applikazzjoni tal-**artikolu 55 A tal-Kap. 16**;

8. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa skond ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz;

9. Tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk il-proceduri kollha li kellhom isiru quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u l-elenku ta' dokumenti.

Rat id-Digrieti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Rat il-verbal datat 7 ta' Mejju 2002, fejn l-attrici tat ruhha b' notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat il-verbal datat 30 ta' Ottubru 2002, fejn il-Qorti awtorizzat lill-attrici tipprezenta l-affidavit.

Rat in-nota tal-attrici, datata 4 ta' Frar 2003, a fol. 19, li permezz taghha esebit l-affidavit ta' Maria Bonett, l-affidavit ta' Keith Zammit u l-affidavit ta' Alison Aquilina.

Rat il-verbal datat 5 ta' Frar 2003, fejn Dr. Aaron Bugeja ghall-attrici nforma lill-Qorti li wara d-digriet tal-Qorti ghad iridu jigu nominati l-kuraturi deputati.

Rat ir-rikors tal-attrici Julia Bonett Al Walidi, datat 1 ta' April 2002, a fol. 33, fejn talbet umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar kuraturi mill-elenku sabiex ikunu jistghu jirraprezentaw l-interessi tal-konvenut bil-poteri kollha soliti konferiti lilhom skond il-ligi u dan taht kwalunkwe ordni u provvediment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat id-digriet datat 16 ta' April 2002, fejn il-Qorti ordnat il-hrug tas-soliti bandi flimkien mal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f' zewg gurnali lokali.

Rat id-digriet datat 5 ta' Frar 2003, fejn il-Qorti nominat lill-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-verbal datat 4 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Leslie Cuschieri u l-PL Victor Bugeja datata 11 ta' April 2003 tal-process fejn eccepew :-

(1) Illi huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw illi jipprezentaw l-eccezzjonijiet formali taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Dr. Leslie Cuschieri u l-PL Victor Bugeja.

Rat il-lista ta' xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta datata 14 ta' Mejju 2003, fejn l-attrici ddikjarat li ma tafx fejn jinstab il-konvenut assenti. Inghata digriet affidavit tal-partijiet b' terminu ta' erbghin (14) gurnata.

Rat il-verbal datat 15 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota tal-attrici Julia Bonett Al Walidi datata 21 ta' Ottubru 2003, a fol. 63 li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha u tal-Ispettur Peter Paul Zammit.

Rat il-verbal datat 4 ta' Frar 2004, fejn Dr. Leslie Cuschieri bhala kuratur tal-assenti nforma lill-Qorti li ma kkomunikax mal-assenti peress li ma giex provdut b' indirizz.

Rat il-verbal datat 1 ta' April 2000, fejn Dr. Aaron Bugeja nfomra lill-Qorti illi fil-mori tad-differiment l-attrici rceviet telefonata minghand il-konvenut u minn certu John Refalo ghan-nom tal-konvenut. L-attrici ghaddiet in-numru tat-telefon lid-difensur taghha u lid-difensur tal-konvenut sabiex il-konvenut jaghmel kuntatt maghhom, pero' il-kuntatt baqa' ma sarx sad-data ta' dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2004.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I. PROVI PRODOTTI

Rat l-affidavit ta' **Marion Bonett**, ta' **Keith Zammit** u **Alison Aquilina** li gew prezentati premezz ta' nota tal-attrici Julia Bonett Al Walidi, datata 4 ta' Frar 2003. Rat

ukoll l-affidavit tal-attrici **Julia Bonett Al Walidi**, li jinsab minn fol. 64 sa fol. 69 tal-process u dak tal-Ispettur **Peter Paul Zammit**, li jinsab a fol. 84 u fol. 85 tal-process. Dawn iz-zewg affidavit gew prezentati permezz ta' nota datata 21 ta' Ottubru 2003.

Rat il-provi kollha prodotti

## II. APPREZZAMENT AL-PROVI.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni personali mitluba mill-attrici, fejn l-unika provi imressqa kienu proprju dawk ta' l-attrici, *stante* li l-istess konvenut jidher li huwa assenti minn Malta, u baqa' ma kkomunikax mal-kuraturi deputati li gew nnominati sabiex jirrapresentawh.
Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet u x-xhieda ta' l-attrici giet ikkoroboratha mix-xhieda kollha minnha prodotta fejn jirrizulta li fil-fatt l-istess talba ghal separazzjoni *stante* li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' vjolenza domestika, eccessi, mohqrija, theddid, sevizzi u ingurji gravi, tant li minhabba l-istess zwieg bejn l-kontendenti jirrizulta li tkisser irremedjabilment u l-konvivenza bejn il-partijiet ma' ghadhiex aktar possibbli.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kemm il-darba agredixxa u sawwat lill-atttrici, kien spiss jisker u johrog mal-hbieb, bla ebda kont ghall-attrici, kien jitlaq mid-dar meta jrid huwa bla ebda pre-avviz ta' xejn, kien regolarment joffendi lill-attrici, tant li l-attrici minhabba dan kollu kienet ghall-ewwel kostretta titlaq minn darha u kienet biss b'ordni tal-Qorti li dahlet lura tghix fl-istess dar, anke *pendente lite.*

Illi jirrizulta li d-dar matrimonjali 88, Parish Priest Carlo' Manche' Street, Gzira hija proprjeta' parafernali tal-atttrici u giet akkwistata minnha permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Schriha datat 2 ta' Awissu 1995 u s-self li kien hemm fuq l-istess dar kollu thallas minnha qabel iz-zwieg u ghalhekk dan jappratjeni esklussivament lill-attrici, li hija awtorizzata wkoll li tghix esklussivament fl-istess bl-esklussjoni tal-konvenut, li ma ghandu l-ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess immobbli.

Illi l-istess huma parafernali ghall-attrici, l-kcina, fridge, cooker, micro-wave oven, borom, platti u tazzi u posati, sodda tar-ram, *spare bedroom*, kamra tas-sodda, salott, television, sufan u zewg pultruni, *wall unit* tas-salott, stereo, *wall unit* fl-ewwel sular, sufan *two seater* b'zewg pultruni, heater u fan, kamra tal-pranzu konsistenti f'mejda u erba' siggijiet, mejda ohra, u bicca ghamara antika li hemm fl-istess kamra tal-ikel.

Illi l-komunjoni tikkonsisti fi *spare bedroom* tal-oak, stereo zewg arloggi u tlett frames tal-fidda li inhadu mill-konvenut flimkien mas-somma ta' Lm5,000, u din il-Qorti tasenja l-istess attrici *stante* li gew akkwistati minnha u din il-Qorti qed tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** u wkoll tordna lill-konvenut sabiex fi zmien 20 gurnata mid-data ta' din is-sentenza jirritorna lura l-istess oggetti lill-attrici u fin-nuqqas ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm5,455 rappresentanti valur tal-istess oggetti w is-somma ta' flus hekk abbusivament mehuda minnu.

Illi din il-Qorti tkkonferma li l-istess konvenut ghandu obbliga li jmantni lill-attrici izda peress li ma ingabhet l-ebda prova li l-istess konvenut ghandu xi forma ta' introjtu, din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tillikwida l-ammont dovut bhala manteniment lill-attrici.

Illi minhabba c-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' **l-artikolu 48 (1) tal-Kap 16** fl-inter taghhom.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma inkompattibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbili unikament lill-

istess konvenut *inter alia ai termini* tal-**artikolu 40 tal-Kap. 16** *stante* li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' vjolenza domestika, eccessi, mohqrija, theddid, sevizzi u ingurji gravi, tant li minhabba l-istess zwieg bejn l-kontendenti jirrizulta li tkisser irremedjabilment u l-konvivenza bejn il-partijiet ma' ghadhiex aktar possibbli;

(2) Tiddikjara li l-konvenut huwa obbligat li jmantni lill-attrici, izda peress li ma hemm l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut, l-istess retta alimentari ghall-attrici ma' tistax tigi likwidata f'din id-decizjoni, salv kull dritt spettanti lill-attrici iktar il-quddiem;

(3) Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** fl-intier taghhom;

(4) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* nuqqas ta' provi;

(5) Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u dan b'effett mis-17 ta' Ottubru 2000, u tassenja lill-attrici, anke bl-applikazjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16,** *spare bedroom* tal-oak, *stereo*, zewg arloggi u tlett frames tal-fidda, li effettivament ittiehdu abbusivament mill-konvenut flimkien mas-somma fuq indikata ta' hames t'elef lira Maltija (Lm5,000), u din il-Qorti ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jirritorna lura l-istess oggetti lill-attrici u fin-nuqqas ihallas lill-attrici s-somma ta' hames t'elef, erba' mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm5,455) rappresentanti valur tal-istess oggetti w is-somma ta' flus hekk abbusivament mehuda minnu;

Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-kcina, *fridge*, *cooker, micro-wave oven*, borom, platti u tazzi u posati, sodda tar-ram, *spare bedroom*, kamra tas-sodda, salott, television, sufan u zewg pultruni, *wall unit* tas-salott, *stereo*, *wall unit* fl-ewwel sular, sufan *two seater* b'zewg pultruni, *heater* u *fan,* kamra tal-pranzu konsistenti f'mejda u erba' siggijiet, mejda ohra, u bicca ghamara

antika li hemm fl-istess kamra tal-ikel huma lkoll parafernali tal-attrici, jinsabu fil-pussess tal-attrici w il-konvenut ma ghandu assulutament l-ebda dritt fuq l-istess u fuq kull haga ohra li jista' jkun fil-fond okkupat u proprjeta' tal-attrici;

(5) Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici sabiex izzomm kull jhedd jew vantagg li hija setghat kisbet minghand il-konvenut *ai termini* tal-**artikolu 53 tal-Kap. 16**;

(6) Tiddikjara u tiddeciedi li l-fond bin-numri 170 Triq Carlo' Manche, il-Gzira huwa proprjeta' parafernali tal-attrici u tawtorizza lill-istess attrici tirrisjedi esklussivament fl-imsemmi fond ad eskluzjoni ta' zewgha konvenut kif ukoll tordna li d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 16** ma japplikawx fil-konfront tal-attrici u dan in applikazzjoni tal-**artikolu 55 A tal-Kap. 16**;

(7) Tawtorizza lill-attrici anke abbazi tat-talba taghha b'nota tal-21 ta' Ottubru 2003 sabiex abbazi tal-**artikolu 62 tal-Kap 16** tirriverti ghall-kunjomha ta' xebba *"Bonett";.*

(8)Tordna li titnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza odjerna moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kolllha kontra l-konvenut assenti b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------